## Knejjes ta' San Ġwann, Għawdex. No. 2

# Il-Kappella ta' San Ġwann fit-torri tal-Qortin tal-Pergla

Victor John Galea

L-Ordni ta' San Ġwann kien ordni reliġjuż. Għalhekk, fil-fortizzi u torrijiet tiegħu kien jaħseb biex jarma kappella għall-ħtiġijiet ta' dawk li kienu jkunu stazzjonati fihom. Dawn il-kappelli kienu jaqgħu taħt il-pirjol ekkleżjastiku ġenerali tal-Ordni u mhux taħt l-Isqof ta' Malta. Taħt il-granpirjol kien hemm il-kappillani tal-Ordni li kienu jieħdu ħsieb San Ġwann u l-knejjes tal-Lingwi, il-Belt kif ukoll il-kappelli tat-torrijiet u fortizzi. Għalhekk, l-Isqof ma kienx iżurhom u fil-viżti pastorali ma ssib xejn fuqhom.

Fix-xogħol tal-Konti Ciantar jismu *Malta Illustrata,* hemm lista sħiħa ta' dawn il-kappelli kif kienu fl-aħħar żmien ta' l-Ordni Malta ħabta ta' l-1780. F'xi torrijiet bħal ta' San Tumas u ta' San Luċjan insibu kappelli ta' dawn il-qaddisin. Oħrajn kellhom ismijiet oħra.

Barra dik tat-Torri tal-Qortin tal-Pergla, li kienu jsibuh it-Torri ta' Marsalforn, kien hemm żewġ kappelli oħra Malta, waħda l-Ħabs ta' l-Ilsiera, il-Belt ħdejn il-Barrakka t'Isfel u oħra t-Tarzna, li ssemmew għal San Ġwann Battista.



L-ewwel torri msejjaħ ta' Marsalforn li nbena l-Qortin tal-Pergla tela' fi żmien il-Grammastru Wignacourt. Dan tlesta fl-1616 għax fis-sitta ta' Lulju ta' dik is-sena, il-grammastru ħatar l-ewwel kastellan tiegħu li kien Ġann Pawl Azzopardi. Miegħu kellu żewġ bumbardieri Luqa Metallo u Ġulju Frendo. Mhux ta' b'xejn li l-kunjom Azzopardi għadek issibu t-triq ta' Marsalforn li dari kienu jgħidulha t-Triq tal-Palma. Fl-1667 il-kastellan kien Valerju Gafa', kunjom li għadek issibu wkoll f'din it-triq.

Billi dan l-ewwel torri kienu jsibuh it-Torri s-Safra jista' jkun li kienu bnewh bil-ġebla tas-safra li f'dawn l-inħawi ssib kemm trid minnu taħt il-qawwi ta' fuq u fuq il-kaħla. Kien bejn wieħed u ieħor bħal dawk li għadna naraw illum id-Dwejra, ix-Xlendi u Mġarr ix-Xini. Kont trid tgħaddi minn fuq pont levatizz li x'ħin kienu jerfgħuh kien jitboq il-bieb tat-torri. Kellu erba' gallarijiet bla qiegħ fuq kull naħa tat-Torri fuq il-bejt bħal torri tal-misħun.

F'torrijiet bħal dawn ma kienx ikun hemm kappelli għax ma kienx ikun hemm ħlief żewġt ikmamar, waħda fuq l-oħra. Ta' min isemmi li f'dan it-torri ġie li kienu jinżammu t-trieħi ta' San Pawl ta' Marsalforn biex ma jinsterqux.

It-torri nbena fit-tarf nett tal-Qortin fuq ir-Rdum biswit il-knisja ta' San Pawl ta' Marsalforn. Min jibni fit-tarf tas-sies tax-Xagħra dejjem ikun jissogra għax tistennieh jaqta' minn ħin għal ieħor. Kieku l-bennejja tat-torri talbu l-parir ta'

xi bidwi Xagħri mill-ewwel kien jgħidilhom biex hemmhekk ma jibnuhx. Imma l-barrani supperv mhux se jfittex il-parir ta' xi wieħed imċerċer, ħwejgu roqgħa fuq oħra.

Għalhekk, it-torri ma kellux ħajja twila. Fl-1681 intqal li kienu telquh għax kien mistenni jitgerbeb mal-blat ta' taħtu u jieħu miegħu l-għases li kien hemm fih. Imma l-għorrief tal-palazz tas-sultan dehrilhom mod ieħor. Oħroġ il-għageb it-torri nfetaħ beraħ iktar minn qabel wara t-terremot qalil ta' l-1693. Is-sultan ma riedx jaf u qabbadhom jagħalqu l-konsenturi li kellu. Imma l-blat baqa' miexi u fl-1716 il-kanuni li kellu fuqu niżżluhom u ħaduhom fil-batterija li kienet inbniet madwar il-knisja ta' San Pawl. Sa fl-aħħar il-blat strieħ u tgerbeb hu mar-rdum bit-torri b'kollox.

It-tieni torri li kien jixbah lil ta' Marsalforn, u li aħna x-Xagħra nafuh bħala t-Torri tal-Qortin tal-Pergla, tlesta fl-1720. Did-darba, mixgħufin waħda nobis, qabdu u bnewh fil-quċċata ta'Qortin, bejn wieħed u ieħor f'nofsu sew. Dan it-torri kien ikbar ġmielu minn ta' qablu u kien fih li niltaqgħu mal-kappella ta' San Ġwann Battista. B'xorti tajba qabel ma kienu ħattewh l-Ingliżi fl-1915 biex floku bnew stazzjon tat-telegrafu, is-Surmast Mikiel Farrugia tal-Badiku, mix-Xagħra kien laħaq ħadlu ritratt li deher fil-Gwida ta' Għawdex fl-1937. Is-surmast fir-ritratt jidher bil-qiegħda fuq il-blat ta' quddiem it-torri liebes pulit. Billi jien sirt nafu fil-ħamsinijiet meta jien ukoll kont għalliem, għad għandi r-ritratt tat-Torri li kien tani s-surmast meta kont immur għandu d-dar tiegħu li kellu ħdejn Savina, ir-Rabat.

It-Torri tal-Qortin, li ma kienx hawn bħalu la Malta u lanqas Għawdex, kien iddisinjah l-Inġinier Franċiż Mondion. Dan kellu sular wieħed kif jidher fil-pjanta tal-ktieb li ħareġ fuq il-fortifikazzjonijiet ta' Malta, is-Sur Spiteri fl-1994. Fuq il-bejt kellu daqsxejn ta' turretta għall-għassies. Kien mibni kwadrat b'ħitan ħoxnin ħafna, minn barra ġejjin bit-talut, jiġifieri mżerżqin' il ġewwa u jispiċċa b'kurdun inċim il-bejt.

Il-bejt kien imdawwar b'ċint għoli erba' filati u nofs biex jilqa' lill-bumbardieri huma u jisparaw il-kanuni li kellu fuqu. Matul dan iċ-ċint kien hemm tliet fetħat fuq kull naħa jgħidulhom lamberżuni biex ikunu jistgħu jisparaw minnhom.

Isfel kien hemm ħames bokkaporti f'kull waħda minn tliet naħat tat-torri u erba' fil-faċċata billi fin-nofs kien hemm bieb. Minn dawn il-bokkaporti kbar minn barra qishom twieqi kien jistgħu jisparaw bl-azzarini għal min kien ikun riesaq lejn it-torri. It-torri kellu bir li kien jimtela mill-bejt.

Minn ġewwa, it-torri kien imqassam f'ħamest ikmamar. Fihom kienu joqogħdu l-għases u jżommu l-ħażniet tal-ikel u munizzjon. Il-kamra tan-nofs li fuqha kellha l-agħassa setgħet kellha l-kappella tat-torri. Biss, jekk it-tarġġ għal fuq kien tiela' minn ġo fiha, kif jgħid il-Brigadier Samut Tagliaferro fil-ktieb li ħareġ fl-1993 fuq il-fortifikazzjonijiet tal-kosta t' Għawdex, ma nafx kemm setgħet tista' ssir kappella hemm, jekk ma kienx hemm daqsxejn t'artal fil-ġenb biss.

Imma jekk it-taraġ kien dejjaq, kemm jgħaddi bniedem, b'kull tarġa għolja filata bħal dak li hemm it-Torri ta' Santa Ċilja, xorta setgħet tintrama kappella hemm. Billi l-ħajt ta' din il-kamra tan-nofs kien oħxon sew, it-taraġ setgħa kien tielgħa minn ġo fih ukoll bħal dak tat-torri li semmejt.

It-torri, billi kien mibni 'l ġewwa ħafna, ma setax jispara fuq bastimenti ta' l-għadu jekk dawn jidħlu jniżżlu n-nies Marsalforn jew Għajn Barrani. Kull ma seta' jsir minn fuqu kienu sinjali lill-Belt f'Għawdex fejn kien jinżamm id-dawl fil-kampnar tal-kolleġġjata ta' Santa Marija barra l-għases fuq il-kavallieri ta' San Ġwann u ta' San Martin. Ma nistagħġbux għalhekk li meta, nhar l-10 ta' Ġunju ta' l-1798, il-Franċiżi niżlu taħt Irdum il-Ħawt, in-Nadur, u telgħu għalih mir-Ramla maljar waqa' taħt idejhom.

Imbgħad fi żmien l-Ingliżi t-torri serva ta' għassa għall-kuntrabandu u sa l-1873 kien ikun hemm tliet suldati għassa. Minn dik is-sen t-Torri tal-Qortin intelaq għal riħu sa ma nħatt fl-1915. Il-bieb kien għadu magħluq bil-ġebel u l-ħitan minn barra kienu għadhom sodi, imma t-turretta ta' fuq il-bejt kellha ħsara kbira u l-lamberżuni tal-faċċata kienu żmattati.

Nistgħu ngħidu minn dan kollu li l-kappella ta' San Ġwann tat-Torri tal-qortin tal-Pergla kellha ħajja mill-1720 meta nbena, sa ma ġew il-Franċiżi fl-1798.